MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Numru. 694/2007

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Stefano Lucia, iben Ettore, imwieled Pieta' fit-3 ta' Lulju, 1974

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fl-10 ta' Lulju, 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien disa' xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------